MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2008

Avviz Numru. 19/2008

**John G. Cassar Limited**

**Vs**

**Joseph Galea**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors pprezentat mis-socjeta attrici fejn talbet lill-intimat jhallasha s-somma ta' sebat elef mitejn u tmien euro u erbgha u disghin euro centezmu (EUR7,208.94) gja LM3,094.80, liema somma tirrapprezenta bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u debitament ikkonsenjata lilu mis-socjeta rikorrenti u li ghalkemm lilha dovuta u minkejja li giet interpellata, baqghet ma halsitx.

Bl-interess legali u bl-ispejjez legali komprizi dawk tal-ittra ufficcjali datata disgha w ghoxrin (29) t'Ottubru 2007 kontra l-intimat, li huwa ngunt in subizzjoni.
Rat in-nota t'eccezzjonijiet tal-intimat Joseph Galea fejn eccepixxa s-segwenti:-

1. Illi l-ammont pretiz mis-socjeta attrici huwa ghal kollox eccessiv u dan stante li bejn April w Awwissu 2007 kien sar hlas mill-esponenti lis-socjeta attrici fl-ammont ta' hdax-il elf erbgha u sittin euro tnejn u hamsin euro centesmu (Euro 11,064.52) ekwivalenti ghal erbat elef, sebgha mija u hamsin lira Maltija (LM4,750).

2. Illi di piu, l-esponenti jsostni li s-socjeta attrici kienet ghamlet konsenja ta' merkanzija kif indikata fuq *invoice number* 122515 datata l-ewwel (1) ta' Lulju 2006, liema merkanzija qatt ma kienet ordnata mill-istess esponenti u fil-fatt kienet ghadha ssigillata fil-kaxxi relattivi, u nonostante d-diversi talbiet sabiex tali merkanzija terga tingabar mis-socjeta attrici, l-imsemmija socjeta attrici baqghet inadempjenti, w in vista t'hekk, l-ammont pretiz mis-socjeta attrici fl-ammont ta' elf mija wiehed u tmenin euro u tnejn u sittin euro centzmu (Euro 1,181.62) ekwivalenti ghal hames mija u seba liri Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu (LM507.27) zgur mhux dovuta.

3. Salv eccezjonijiet ulterjuri.
Bl-ispejjez kontra s-socjeta attrici nkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid Numru 259/2008, li hija ngunta 'n subizzjoni.

Semghet il-provi tal-partijiet.

Rat id-dokumenti esebiti.

Ikkunsidrat:-

Illi nhar id-disgha (9) ta' Lulju 2008 xehed **Brian Calleja** il-Financial Controller tas-socjeta attrici fejn spjega li s-socjeta rikorrenti hija mportatrici u distributura ta' hafna ditti barranin. Ikkonferma li l-intimat huwa klijent taghha u dan sa minn Novembru 2003. Qal li l-intimat ghandu l-hanut li jismu 'Cartoon Characters' u kien jixtri t-*toys* minghand s-socjeta rikorrenti u kien jinghata minnha *credit facility* ta*' ninety days*. Dan nonostante pero, jghid li l-intimat huwa debitur tas-socjeta rikorrenti fl-ammont ta' LM3,094.80 u dan skond zewg *invoices* li gew mmarkati

bhala Dok. A u AA. Jghid li l-intimat mhux dejjem hallas per *invoice*, izda gieli hallas xi ammonti '*on account'.* Spjega li b'hekk gieli kellhom xi problema, molto piu meta f'xi drabi wkoll ic-cekkijiet li kien ihallas bihom l-intimat, kienu jigu *returned refer back to drawer*.

Huwa spjega li bhala procedura meta jghamlu *delivery*, il-klijent jaccetta l-merkanzija skond dak li jigi konsenjat u indikat fl-*invoice*. Jekk il-pagament minghand il-klijent ikun *cash sale* huma jiktbu '*PAID*' fuq l-*invoice* relattiva u jekk it-transazzjoni tkun wahda *on credit,* allura l-klijent jiffirma l-*invoice*, jikteb id-data tal-konsenja u jinghata il-*credit facility*.

Fir-rigward it-tieni eccezzjoni tal-intimat, huwa esebixxa l-*invoice* in dezamina, liema *invoice* giet immarkata bhala Dok. B. Jghid li minn ezami ta' dan id-dokument, hemm il-firma tal-intimat, li tikkonferma li kien ircieva il-konsenja hemm deskritta u minn dakinhar 'l quddiem, huwa qatt ma gie mitlub sabiex imur jirtira l-merkanzija. Jikkonferma li effettivament il-merkanzija tinsab f'idejn l-intimat sa dakinhar li xehed.

Jichad dak li gie allegat lilu li gieli l-biegh kien ikun *on consignment basis***.** Ikkonferma li dak li hemm miktub fid-Dok. B, jikonsisti f'kartolini. Jghid li huwa qatt ma tkellem mal-intimat, izda ikun kellmu il-Managing Director Simon Micallef. Jistqarr li sa fejn jaf hu, dan Simon Micallef mar ikellmu fuq ix-xoghol tieghu u kien qallu li kien ser ihallas, izda dan nonostante, baqa' ma hallas xejn w ghalhekk kellha issir din il-kawza.
**Simon Micallef** xehed nhar it-tnejn w ghoxrin (22) ta' Settembru 2008 w ikkonferma li huwa kien mar ikellem lill-intimat fil-hanut tieghu gewwa il-Mosta. Qal li pero huwa is-*salesman* li jkollu x'jaqsam l-aktar mal-intimat. Ikkonferma li lejn l-ahhar tas-sena 2006, l-intimat ma baqghax ihallas il-kontijiet tieghu w ghalhekk kien hemm problemi ta' hlasijiet.

Jghid li huwa kien avvicina lill-intimat u qallu li kien ser ihallas, izda dan nonostante baqa' ma hallasx, ghalkemm kien ghamel diversi weghdiet. Jghid ukoll li mieghu l-

intimat qatt ma kkontesta li effettivament kellu ihalsu xi flejjes. Fil-fatt, l-intimat kien ighidlu biex imur il-hanut biex jigbor il-flus, izda meta kien imur, kien isibu maghluq w ghalhekk flus qatt m' inghata.

Ikkonferma li l-kont tal-intimat huwa wiehed regolari dak fejn jinghata *credit facility* ta' *ninety days*. Jghid li qabel ma fetah il-kawza, kien mar ghandu u dan kien jghidlu li ser ihallas, pero fin-nuqqas ta' tali hlas, kellha issir din il-kawza.

In kontr'ezami jghid li huwa minnu dak li allegat id-difiza li l-intimat ghamel diversi pagamenti fis-sena 2007, izda dawn il-hlasijiet li saru, jirreferu ghal bilanc li kien ghadu dovut meta saru l-pagamenti.

**Joseph Galea** il-konvenut xehed nhar it-tnejn w ghoxrin (22) ta' Settembru 2008 w ikkonferma li huwa jopera l-hanut 'Cartoon Characters' gewwa il-Mosta. Ikkonferma li l-merkanzija murija fl-*invoice* esebita u mmarkata bhala Dok. B a fol. 34 tal-process, effettivament giet fornita lilu nhar it-tnejn (2) t'Awwissu 2008 flimkien ma konsenja ohra ndikata fl-*invoices* numri 122200 u 122201. Qal li meta nduna li kien hemm tlett konsenji, huwa kien cempel lil Warren, li huwa s-*salesman* tas-socjeta rikorrenti, kif ukoll lil certa Sandra, li hija persuna responsabbli fis-socjeta rikorrenti w infurmhom li ma kellux bzonn dawn il-konsenji kollha ta' kartolini. Ikkonferma li huwa qatt ma kien ordna dawn il-kartolini li gew konsenjati lilu. Mistoqsi jekk kienx hadom lura lejn il-hanut, huwa wiegeb fin-negattiv u lanqas ma kien iddeposithom il-Qorti. Jghid li huma ghandhom sa llum issiggilati.

Ikkonferma li minn verifiki li ghamel, l-ammont mitlub mir-rikorrenti huwa kollu dovut salv u b'eccezzjoni ghal dak indikat fid-Dok. B a fol. 34. Jghid li fil-fehma tieghu, s-socjeta rikorrenti hija kreditrici tieghu fl-ammont ta' LM954.86. Jghid ukoll, li l-ammont ta' LM507.27 imsemmi fid-Dok. B, mhiex imnaqqsa. Huwa jikkontendi li m'ghandux ihallas l-ammont imsemmi fid-Dok. B ghaliex huwa qatt ma kien ordna dawk il-kartolini hemm imsemmija, izda meta kien ircevihom, ma ghamel xejn dwar il-konsenja u din baqghet ghandu. Jghid li huwa

debitur tas-socjeta rikorrenti fl-ammont ta’ LM3,094.80 u cioe dak mitlub fl-avviz originali minghajr is-somma ta’ LM507.27 indikata fid-Dok. B a fol. 34.

Ikkunsidrat ulterjorment:-

Illi ‘n breve, l-fatti kienu jikkonsistu fil-fatt li l-intimat xtara xi kartolini minghand is-socjeta rikorrenti u kien ghadu ma hallasx taghhom. L-intimat jghid li fil-fatt huwa kien lest li jhallas is-somma kollha kif indikata fl-avviz basta titnehha is-somma ndikata fid-Dok. B.

Illi ghalhekk il-Qorti trid tara jekk it-talba rikorrenti hiex gustifikata u timmeritax li tigi konfermata.

Fis-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et** deciza fit-tmienja w ghoxrin (28) t’April 2004 gie ritenut li:

*“Il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili, b'differenza minn kawzi kriminali, fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju rajonevoli, fil-kamp civili huwa bizzejjed li jkun hemm certezza morali f' mohh il-gudikant. Din c-certezza morali rikjesta f' kawzi civili hija l-effett tal-bilanc tal-probabilitajiet. Mera possibilita' mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabilita' civili........*

*“Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kritrju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli”.*

Issa f'dan il-kaz il-Qorti rat li s-socjeta rikorrenti resqet ix-xhieda taghha sabiex tikkonferma li d-debitu msemmi fir-rikors, ghadu dovut fl-intier tieghu.

Minn naha l-ohra il-konvenut xehed u qal li jaqbel li d-debitu huwa dovut salv u b'eccezzjoni ghal dik is-somma flus indikata fid-Dok. B fl-ammont ta' LM507.27. Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-intimat allegatament kien tkellem ma certu Warren u Sandra, mpjegati tas-socjeta rikorrenti dwar il-konsenja ndikat fid-Dok. B, u dan ghaliex allegatament, ma kienx riedha, izda baqa' m'ghamel xejn dwarha, fis-sens li din baqghet ghandu; la rritorna lis-socjeta rikorrenti u lanqas ma ddepositha l-Qorti permezz ta' cedola.

**Ghaldaqstant l-Qorti tiddecidi billi tilqa it-talba rikorrenti u tichad l-eccezzjonijiet imressqa mill-intimat.**

**L-ispejjez ta' din il-procedura u l-imghax skond il-ligi ghandom jithalsu mill-intimat.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------